**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 247/17 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi il-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat "Dokument A";

Illi minn dan iz-zwieg ghandhom tifla wahda KB, li twieldet fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) u li ghalhekk ghandha minuri;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela li qed jigi anness u mmarkat "Dokument B";

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien sa mis-sena 2005 u cioe' ghal aktar minn tnax (12) il-sena;

Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat l-partijiet iddekadu mid-dritt li jitolbu u / jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi l-manteniment ghal minuri huwa regolat bl-artikolu 6 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara :

Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-10 ta' Frar 1996 u li minn danviz-zwieg kellhom tifla, li ghadha minuri;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Christine Abela fil-31 ta' Ottubru tas-sena 2008;

Illi huwa minnu li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar tnax (12) il-sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi huwa jikkonferma li m'hemm l-ebda problema fir-rigward tal-manteniment ghaliex il-manteniment ghat-tifla kif mahsub fil-klawzola 6 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, dejjem jigi vversat puntwalment;

Illi ghalhekk, l-esponenti jaqbel li l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u huwa wkoll jitlob li  dina il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru 2008;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.